# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 14 ta' Settembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Taryn Mizzi**

**Kumpilazzjoni Nru: 293/2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Taryn Mizzi detentrici tal-Karta ta' l- Identita' bin-numru 388189M.

Akkuzata talli nhar it-03 ta' Novembru, 2012 ghall-habta ta' 11:15am gewwa Triq is-Safsafa, Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, waqt li kienet qeghedha ssuq l-vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni TRN 888 ta' ghamla Nissan b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtet ma' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCA 059 ta' ghamla Yamaha w kkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clyde Muscat skond kif iccertifika Dr. Malcolm Caruana M.D.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kienet qeghedha ssuq il-vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni TRN 888 ta' ghamla Nissan b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkagunat hsara nvolontarja fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni BCA 059 ta' ghamla Yamaha ghad-dannu ta' Clyde Muscat u jew persuni ohra.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li f'l-udjenza mizmuma nhar is-27 ta' April 2015 l-parte civile iddikjara li m'ghandux interess f'dawn il-proceduri u li kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li sehh nhar it-3 ta' Novembru 2012 ghall-habta tal-11.15am fil-Wardija meta l-imputata kienet qed isuq vettura ta' tip Nissan b'numru ta' registrazzjoni TRN 888 u l-parte civile kien qed isuq mutur ta' tip Yamaha b'numru ta' registrazzjoni BCA 059.

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputata qed tigi addebietata b' zewg imputazzjonijiet u cioe li kkawzat griehi involontarji a dannu tal-parte civile Clyde Muscat u li kkawzat hsara involontarja a dannu ta'l-istess Clyde Muscat.

Illi minbarra l-pulizija li hadet ir-rapport u rapprezentant ta' Transport Malta l-prosekuzzjoni ressqet zewg xhieda: Clyde Muscat u huh Sean Muscat li kien passiggier fuq il-mutur; l-imputata tat id-depozizzjoni taghha ukoll.

Illi jibda biex jigi rilevat li fic-citazzjoni hemm indikat li l-incident in ezami sehh fi Triq is-Safsafa Wardija; Clyde Muscat u Sean Muscat ma qalux isem it-Triq fejn sehh l-incident pero l-imputata tghid li l-incident sehh fi Triq Ras il-Wardija.

Illi dwar l-incident innifsu Clyde Muscat jghid li huwa kien qed isuq mill-Mgarr lejn il-Wardija meta, fi triq li kienet daqsxejn angolata, giet il-vettura misjuqa mill-imputata fuq in-naha tieghu u ghalkemm ghafas il-break malli raha, xorta sehh l-impatt; l-impatt sehh man-naha tal-lemin tal-vettura ta'l-imputata. Muscat insista li hu kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq u li ma kienx qed isuq b'velocita eccessiva. Il-verzjoni ta' Clyde Muscat giet korroborata minn dak li rrakkonta huh Sean Muscat.

Illi l-imputata da parti taghha tghid li hija kienet qed isuq fi Triq Ras il-Wardija fid-direzzjoni ta' Burmarrad u li kienet qed isuq bil-mod hafna. Meta giet f'l-aktar parti dejqa tat-triq baqghet issuq bil-mod meta f'daqqa wahda "the motorcycle shot right out of the bend" u hi ghafset il-break. Tghid l-imputata li fil-hin ta'l-impatt hija kienet waqfet u kien Muscat li baqa diehel fil-vettura taghha. Il-mutur misjuq minn Muscat waqa' ezattament hdejn il-karozza kif jidher fiz-zewg sketches esebieti[1].

Illi dwar il-verzjoni ta'l-imputata ghandu jigi rilevat li ma jistax ikun li Muscat kien qed isuq b'velocita qawwija kif pruvat timplika hi ghaliex altrimenti l-impatt kien ikun ferm aktar vjolenti u l-pozizzjoni tal-mutur kienet tkun differenti u anke il-hsara kkawzata fil-karozza u l-mutur kienet tkun hafna aghar.

Illi aktar minn hekk l-imputata pruvat tiddeskrivi t-triq fejn sehh l-incident (li skond hi hija Triq Ras il-Wardija) bhala "country lane" cioe xi trejqa dejqa qalb l-eghlieqi; pero, ghalkemm zgur ma tistax titqies bhala xi triq arterjali, Triq Ras il-Wardija hija triq "principali" fil-Wardija ghaliex hija t-triq li twassal ghall-Wardija u fil-bicca l-kbira taghha jghaddu zewg karozzi hdejn xulxin.

Illi osservazzjoni ohra li l-Qorti thoss li ghandha certa relevanza hija li ghalkemm l-imputata hija korretta meta tghid li fejn sehh l-impatt ma jistghux jghaddu zewg karozzi pero karozza u mutur jghaddu; dan jidher car mir-ritratt prezentata minnha stess.

Illi ghalkemm dawn l-inezattezzi jimminaw xi ftit il-kredibilita ta' l-imputata l-Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti ma jirrizultax 'l hemm minn dubbju dettat mir-raguni li l-incident sehh minhabba l-inosservanza tar-regoli jew minhabba traskuragni ta'l-imputata.

---

[1] Wahda redatta mill-pulizija li marret fuq il-post u l-ohra minn perit inkarigat mill-imputata.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li lanqas ma rrizulta li l-incident sehh fi Triq is-Safsafa, kif indikat fic-citazzjoni, l-imputata ma tistax tinstab hatja tar-reati lilha addebietati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**